MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 2484/1998/1

**Avukat Dottor George J. Cutajar blala mandatarju specjali tal-assenti Ignatius Chetcuti u fit-3 ta' Ottubru 2000 Ignatius Chetcuti l-attur assuma l-atti tal-kawza f'ismu minflok Dr. George Cutajar**

**v.**

**Giomaria maghruf bhala Jimmy Caruana**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attur nomine, wara illi ppremetta

illi huwa ghandu b'titolu ta' qbiela il-fond ossia razzett maghruf bhala *Meadows* gewwa Triq Ghajn Rihana f'Burmarrad flimkien mar-raba' adjacenti; illi xi snin ilu u cioè cirka sitt snin ilu l-konvenut gie awtorizzat mill-attur sabiex jaghmel xogholijiet ta' tiswija fir-razzett a karigu tal-attur kif ukoll jahdem ir-raba' adjacenti u dana bil-patt illi meta l-attur ikollu bzonn l-istess huwa ikun jista' jidhol fih u jabita fl-istess; illi bejn is-17 t'Ottubru, 1998 meta l-attur ipprova jidhol fir-razzett *de quo* sab illi c-cavetta tal-*garage* ghall-istess kienet giet abusivament, [i]llegalment u klandestinament mibdula waqt illi l-access mill-bieb principali kien gie ukoll abusivament, [i]llegalment u klandestinament imbarrat; illi tali bidla tac-cavetta tal-*garage* u mbarrar tal-bieb principali tal-fond imsemmi jikkonsisti fi spoll recenti; illi l-attur wissa u talab lill-konvenut sabiex jaghtih access liberu u minghajr xkiel izda ciononostante l-konvenut baqgha inadempjenti; talab ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1) tiddikjara u tiddeciedi illi l-agir tal-konvenut konsistenti fil-bdil tac-cavetta tal-*garage* u l-imbarrar tal-bieb principali tal-fond *Meadows*, Triq Ghajn Rihana, Burmarrad jikkostitwixxi spoll ricenti; 2) tikkundanna lill-konvenut sabiex jerga' jqieghed l-istess serratura li taghha ghandu c-cavetta l-attur u jnehhi l-imbarrar tal-bieb principali u dana fi zmien li jigi lilu prefiss; 3) fin-nuqqas tawtorizza lill-attur jaghmel dawk ix-xogholijiet necessarji u opportuni biex tinbidel l-istess serratura tal-*garage* u jitnehha l-imbarrar tal-bieb principali u jekk ikun il-kaz bl-opera ta' periti nominandi a spejjes tal-konvenut; bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tad-19 t'Ottubru 1998 u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur nomine u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:

1) Illi t-talbiet ta' l-attur nomine ghandhom jigu respi(n)ti stante li huma ghal kollox infondati kemm legalment kif ukoll fattwalment u dana kif ser jigi ppruvat ahjar waqt is-smiegh ta' dina l-kawza;

2) Illi fit-tieni lok l-eccipjenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma hux il-legittimu kontradittur u dana peress illi l-qbiela u l-pusses tar-razzett u tar-raba' adjacenti tghajjat lil missieru Emmanuel Caruana oltre li fl-istess premessi l-attur nomine stess ma jindikax lill-eccipjenti bhala l-persuna li allegatament ikkommettiet l-ispoll;

3) Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghal premess ma jinkorrux (*sic*) l-elementi rikjesti fil-ligi ghall-azzjoni ta' spoll;

4) B'rizerva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;
Bl-ispejjes kontra l-attur nomine li qed jigi ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-erbatax (14) ta' Ottubru, 2003 illi permezz taghha l-Qorti ddecidiet hekk:

"… previa rigett tal-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti, u, filwaqt li tiddikjara illi l-agir tal-konvenut konsistenti fil-bdil tac-cavetta tal-*garage* u l-imbarrar tal-bieb principali tal-fond *Meadows*, Triq Ghajn Rihana, Burmarrad jikkostitwixxi spoll ricenti, tikkundanna lill-istess konvenut sabiex jerga' iqieghed kollox fl-istat prestinu tieghu, u dana billi jerga' jqieghed l-istess serratura li taghha ghandu c-cavetta l-attur u jnehhi l-imbarrar tal-bieb principali u dana fi zmien gimgha millum; u fin-nuqqas tawtorizza lill-attur jaghmel dawk ix-xogholijiet necessarji u opportuni biex tinbidel l-istess serratura tal-*garage* u jitnehha l-imbarrar tal-bieb principali.

"Bl-ispejjez kollha kif mitluba a kariku tal-konvenut";

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

"*Kwadru tal-fatti*

"Illi l-kaz odjern jikkoncerna razzett, bir-raba adjacenti, maghruf bl-isem *Meadows* sitwat go Triq Ghajn Rihana Burmarrad. F'xi zmien il-qbiela tar-raba ghaddiet f'idejn Gio Maria Chetcuti, misssier l-attur u li jigi ukoll in-nannu tal-konvenut Jimmy Caruana. Meta l-post kien f'idejh, missier l-attur bena r-razzett u dam jahdem ir-raba sakemm miet fis-sena 1962, wara liema perijodu r-razzett u r-raba kompliet tiehu hsiebu omm l-attur sakemm mietet f'April tas-sena 1970.

"Illi sadanittant u precisament f'Dicembru 1954 l-attur kien emigra lejn l-Awstralia u kien gie lura f'Awissu 1964. Fl-ghaxar xhur li dam Malta kien jahdem ir-raba u precisament dik il-parti fejn kien hemm id-dwieli. Fl-*affidavit* tieghu l-attur spjega li wara l-mewt ta' ommu, meta huwa kien qieghed l-Awstralia, ir-razzett u r-raba kienet tiehu hsiebhom ohtu Grace mizzewga Caruana sa marzu 1971. Fit-12 ta' April 1971 l-ahwa Chetcuti kollha, inkluza Maria mizzewga Caruana, li tigi omm il-konvenut, kienu ffirmaw skrittura fil-prezenza tal-Avukat Dottor Carmelo Vassallo fis-sens li l-ahwa kienu cedew is-sehem taghhom fir-razzett u r-raba *de quo* lill-attur Ignazio Chetcuti li peress li f'dak iz-zmien kien qieghed l-Awstralia, kien gie rapprezentat minn ohtu Grace. Il-ftehim kien fis-sens li hut l-attur, inkluza Maria, '*ma joggezzjonawx illi l-qbiela tar-razzett u r-raba fuq imsemmi iduru ghall-fuq isem Grace Caruana bhala prokuratrici tal-imsifer Ignazio Chetcuti*' u dan versu korrispettiv kif indikat fl-istess skrittura.

"Illi sadanittant l-attur kien inkariga lil ohtu Grace biex thallas il-qbiela ghan-nom tieghu. L-attur qal li meta f'April 1975 Grace kienet emigrat lejn l-Awstralia, huwa kien awtorizza lil ohtu l-ohra Maria mizzewga Caruana, omm il-konvenut, sabiex dina tiehu hsieb ir-raba hi, thallas il-qbiela ghan-nom tal-attur u zzomm il-profitti milli biegha {*recte*: mill-biegha]. L-attur sostna li meta huwa kien gie

Malta fis-snin 1980 u 1990 huwa kien qattgha hafna mill-hin tieghu fir-razzett u fir-raba.

“Fl-*affidavit* tieghu l-attur spjega li fil-bidu tas-sena 1992 il-konvenut, li f’dak iz-zmien kien jghix l-Awstralia, kien avvicinah u qallu li ommu Maria ma kienitx tiflah tiehu hsieb aktar l-art u r-razzett u talbu biex jibda jiehu hsiebhom hu. L-attur accetta u kien awtorizza lill-konvenut jaghmel xoghol ta’ tkahhil u tibjid fir-razzett u l-attur minn naha tieghu kellu jirrifondilu l-ispejjez. Il-konvenut ‘*kien accetta u accetta wkoll li huwa ma kien ser ikollu ebda dritt fuq l-istess u li meta jiena [l-attur] mmur lura Malta huwa kellu johrog mir-raba u mir-razzett*’.

“Illi fit-12 ta’ Settembru 1995 l-attur kien baghat is-somma ta’ Lm500 lill-konvenut sabiex ihallas il-qbiela u dan jithallas tax-xoghol li kien ghamel. Inizjalment il-konvenut ma accettax ic-*cheque* peress li sostna li l-ispejjez kienu jammontaw ghal Lm2,300, izda meta l-attur rega’ baghtulu huwa kien accettah. L-attur informah li meta jigi Malta kien ser ihallsu ta’ kollox.

“Illi meta f’Awissu 1998 l-attur gie lura Malta, wara li kien ra x-xoghol li kien sar, huwa kien accetta li jirrifondilu l-ispejjez, u talab lill-konvenut ic-cwievet tal-post peress li sa dak iz-zmien il-konvenut kien ghamel il-bibien. Fil-fatt il-konvenut tah ic-cavetta biex jaghmel kopja taghha; izda fis-17 ta’ Ottubru 1998, meta l-attur kien informa lill-konvenut li kien bi hsiebu jigi lura Malta u jghix fir-razzett u ghalhekk talbu biex inehhi l-fniek minn hemm u johrog mir-raba, inqala’ it-tilwim bejniethom; u fit-22 ta’ Ottubru 1998 ghal habta tas-7.30 am. meta l-attur mar ir-razzett sabiex ikompli jahdem fih ma setghax jidhol peress li s-serratura tal-bieb kienet mibdula u l-bieb principali tar-razzett kien imbarrat minn barra.

“Illi fid-deposizzjoni tieghu, l-attur spjega li l-konvenut kien ghamel il-bibien fil-post minghajr il-permess tieghu. Spjega wkoll li meta gie Malta fl-ahhar ta’ Awissu 1998, wara li kien qata’ kopja tac-cavetta li tah il-konvenut, kien beda jahdem fil-fond u ghamel ‘*qiesni fuq xahar xoghol sewwa go fih*’. Irrizulta mill-provi li l-attur ghal habta ta’

Settembru kien dahha[l] sodda fir-razzett, liema fatt kien gie ukoll ammess mill-konvenut.

“Minn naha tieghu, il-konvenut ta versjoni tal-fatti li, f’certu aspetti determinanti l-kwistjoni in disamina, ma jaqblux mal-versjoni moghtija mill-attur. Fl-*affidavit* tieghu il-konvenut qal li ghandu erbghin sena u minn dejjem jiftakar ir-razzett u r-raba f’idejn il-genituri tieghu li kienu jghidulu li Gianmari Chetcuti, in-nannu tieghu, kien ghadda l-uzu u l-pussess tieghu lilhom, u li ghalhekk huwa kellu l-usu u l-possess esklsiv ta’ dan il-fond fejn iqieghdu l-ingenji tar-raba u jrabbu tjur u bhejjem. Dan il-pussess da parti tieghu dejjem gie esercitat bil-miftuh u kien pacifiku, stante li la l-attur u lanqas hutu qatt ma vvantaw xi pretensjoni fuq il-post; u kien insegwitu ghall-argument li nqala, meta l-attur qallu biex inehhi l-fniek minn hemm, li dana beda jippretendi li kellu xi sehem mir-razzett. Il-konvenut innega li kien hu li biddel is-serratura tal-post liema att ta lok ghal proceduri odjerni.

“Dwar il-flus li l-attur kien bagh[a]t lill-konvenut, dana sostna li l-versjoni korretta hi li l-attur kien kitiblu u qallu li kien xtaq jghaddi xi zmien ir-razzett meta jigi Malta, u kien ghalhekk li kien offra li l-konvenut jirrangah u l-attur [ji]rrifondilu l-ispejjez. Il-konvenut kien accetta din il-proposta peress li f’dak iz-zmien ma kienx hemm inkwiet bejniethom. Hu qal li inizjalment il-flus ma riedtx jaccettahom peress li t-tiswijiet kien ghamilhom minn rajh fil-post li kien f’idejh.

“Fl-*affidavit* taghha, Maria Caruana qalet li kien missierha, Gianm[a]ri Chetcuti, li matul hajjtu li kien ghaddielha bil-fomm il-pussess tar-razzett u tar-raba ‘*biex jiena nkun nista’ ngawdih wahdi mal-familja tieghi*’. Hi spjegat li missierha, ftit tas-snin qabel ma miet, kien qasam ir-raba bejn it-tfal ‘*Jiena (Maria Caruana) missni ossia ghazilt li niehu r-razzett in kwistjoni u l-ftit raba ta’ mieghu u dan mhux biss bl-gharfien ta’ huti izda wkoll bil-volontà taghhom stess li kienu qaluli ‘hu fejn trid’*.’ Rigward l-iskrittura fuq indikata, li Maria Caruana flimkien ma’ hutha, kienu ffirmaw, din spjegat li l-attur ried biss ma jitlifx is-

sehem minnu ta' missierhom mir-raba kollu u mhux il-fond *de quo*.

"*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

"*Osservazzjonijiet guridici*

"Illi in vena legali l-Qorti tosserva li l-azzjoni in disamina hija basata fuq id-dispost tal-artikolu 535 tal-Kap 16 li jiddixxiplina l-azzjoni ta' spoll vjolent li ghandu bhala elementi kostituttivi tieghu tlett fatturi: il-pussess (*possidesse*), l-att spoljattiv (*spoliatum fuisse*) u [li] dan l-att sar fi zmien xahrejn qabel ma giet intavolata l-azzjoni (*infra bimestre deduxissesse*).

"l-*actio spolii* hija radikata fuq l-esigenza ta' utilità socjali, intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jigu mpedut lic-cittadin privat milli jiehu l-gustizzja f'idejh, b'dan li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat. Din l-azzjoni ghandha l-iskop li tassigura li jigi riprestinat l-ordni socjali li l-persuna li tkun vjolentement spussessata tigi qabel xejn reintegrata fil-pussess taghha. *Spoliatus ante omnia restituendum*. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-azzjoni huwa indubbjament ta' ordni pubbliku u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorità privata j[a]ghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista' jesercitah minghajr l-intervent tal-Qrati [Vol. XLII.II.973; Vol.LXXXII.II.79 u 500].

"Konformament, gie ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li '*All'attore in reintegrazione è sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione …*' (*Camilleri v Agius* PA.20/10/1882). Il-pussess li tirrikjedi l-ligi fl-ispoljat ghall-fini tal-azzjoni tar-reintegrazzjoni huwa <u>kwalunkwe pussess *materiale* u *di fatto*</u> [Vol. XXXVII.I.280]. Spoll vjolent u abusiv '*jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li marte proprio jmur kontra l-persuna spoljata*' [Vol. XLI.II.1133]; u '*neanche è permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo domini o no perchè la legge non richiede che un*

*possesso materiale di fatto*' [Vol. X.556; Vol. LXXXIII.II.76; Vol. XXXVII.I.28; Vol. XXXII.II.49].

"Inoltre gie affirmat li ghall-promozzjoni ta' din l-azzjoni, mhux necessarju li l-pussess ikun esklusiv. '*Anzi l-Qrati nostrani dejjem ippermettew li l-ko possessur jagixxi b'din l-azzjoni kontra ko possessur iehor li jikkommetti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipproteggi l-pussess u mhux il-pussess esklusiv*' [PA *Alfred Pisani vs Victor Farrugia* (FGC) 21.01.94].

"*Osservazzjonijiet fattwali*

"Illi [l-]Qorti wara ezami rett tal-provi hija tal-fehma li ghandha taccetta bhala veritiera l-versjoni tal-fatti moghtija mill-attur, u dan a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

"1. Il-preponderanza tax-xhieda jikkoroboraw il-versjoni tal-attur;

"2. Illi l-kontenut tal-iskrittura ffirmata mill-partijiet, inkluza omm il-konvenut, jikkorroboraw dak li dejjem sostna l-attur u cioè li huwa qatt ma riedx [*recte*: ried] [jir]rinunzja ghad-dritt tieghu fuq il-post, tant hu hekk li fit-termini tal-iskrittura hutu cedewlu lilu sehemhom mill-fond *de quo*, versu l-korrispettiv ta' mitt lira kull wiehed. Din il-prova ddaghjjef serjament, sal-punt li tinnewtralizzaha, l-allegazzjoni ta' Maria Caruana li hija u zewgha kellhom l-uzu u l-pussess esklusiv tar-razzett u raba, u tirrendi aktar veritiera l-versjoni ta' l-attur, konfermata wkoll minn hutu, li Maria Caruana kienet qed tuza l-post bl-awtorizzazzjoni u bil-kunsens tal-istess attur.

"3. Illi l-ittri mibghuta mill-konvenut lill-attur, u li gew esebiti mill-attur fix-xhieda tieghu, u li *per di più* ma gewx kontestati mill-konvenuti [*recte*: mill-konvenut], jaghtu konfort shih lit-tezi tal-attur.

"4. Il-Qorti tosserva li l-fatt provat li l-attur kien hallas is-somma ta' Lm500 lill-konvenut ghat-tiswijiet li

saru fil-post; il-fatt provat li l-attur kellu kopja tac-cavetta tal-bibien li jaghtu ghar-razzett u li kienu saru mill-konvenut, liema kopja saret wara li l-konvenut kien ikkonsenjalu c-cavetta proprju ghal dan il-ghan; il-fatt provat li l-atttur l-ahhar li gie Malta f'Awissu 1998 kien dahhal sodda fir-razzett, u li ghamel xahar jahdem fil-fond, jsahhu l-versjoni tieghu li huwa f'dak iz-zmien kellu access ghal, u kien qieghed juza, r-razzett u kellu l-pussess, anke jekk mhux esklusiv, tal-fond *de quo*.

"Dawn l-elementi ta' prova, flimkien mal-fatturi fuq indikati, iwasslu ghall-konkluzjoni li fiz-zmien li nbiddlet ic-cavetta l-attur kellu il-pussess materjali, pacifiku u manifest tal-fond, u li dan il-pussess, mhuwiex wiehed ta' mera tolleranza kif qed jipprova jghati l-impressjoni l-konvenut, izda kien pussess materjali fit-termini tal-ligi li jaghti lok ghall-azzjoni ta' spoll f'kaz li jigi disturbat. Dan jirrizulta car u manifest mill-preponderanza tal-provi; u ghalhekk, b'applikazzjoni tal-principji legali fuq esposti, it-tibdil arbitrarju u klandestin fis-serratura, bil-konsegwenzjali cahda lill-attur tal-access ghall-istess, huwa att turbattiv tal-pussess tal-attur, u ghalhekk jikkostitwixxi spoll privileggjat *ai termini* tal-Artikolu 535 tal-Kap. 16.

"Illi rigward l-eccezzjoni tal-konvenut li huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur stante li ma hemmx prova diretta li kien il-konvenut li kkommetta l-att spoljattiv u turbattiv tal-pussess materjali tal-attur, il-Qorti tirrileva li l-provi kollha jwasslu ghall-konkluzjoni necessarja li kien il-konvenut li f'dak iz-zmien kellu l-uzu tal-fond; u fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, hija logika, necessarja, naturali u lecita l-konkluzjoni li dan l-att gie kommess mill-konvenut. It-tesi tal-konvenut f'dan ir-rigward, esposta fis-segwenti termini '*ir-razzett u garage in kwistjoni kienu u ghadhom ghal ghexieren u ghexieren ta' snin f'idejn il-genituri tal-konvenut b'mod esklusiv*' - hija kontradetta mill-provi tal-konvenut inkluz l-*affidavit* tal-istess konvenut, minn fejn jirrizulta *ab abundantia* li f'dak iz-zmien u fis-snin ta' qabel, l-konvenut, u mhux il-genituri tieghu kien juza l-fond."

Rat ir-rikors ta' appell tal-konvenut illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi s-sentenza moghtija mill-

Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Ottubru, 2003 fil-kawza fl-ismijiet premessi tigi revokata u mhassra u illi jigu michuda u respinti t-talbiet ta' l-attur u minflok jintlaqghu l-eccezzjonijiet tal-konvenut kif maghmula bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-attur;

Rat ir-risposta ta' l-attur illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi l-appell jigi michud u illi tigi konfermata s-sentenza appellata fl-interezza taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-konvenut kontra s-sentenza appellata huma bazikament is-segwenti:

1. Illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tirrespingi l-eccezzjoni tal-konvenut illi huwa mhux il-legittimu kontradittur ghaliex fl-atti processwali ma hemmx prova diretta illi kien il-konvenut illi kkommetta l-allegat spoll;

2. Illi, kuntrarjament ghal dak illi kkonkludiet l-ewwel Qorti, l-attur ma rnexxilux jipprova illi kellu l-pussess ta' l-oggett allegatament spoljat, jigifieri r-razzett u raba' imsemmija fl-att ta' ctazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghall-ewwel aggravju, huwa utili illi jigi precisat illi l-konvenut ma bbazax it-tieni (2) eccezzjoni tieghu - dik illi permezz taghha huwa ssottometta illi huma mhux il-legittimu kontradittur - fuq il-fatt illi ma kienx huwa illi kkommetta l-att allegatament spoljattiv; dan jirrizulta mid-dicitura ta' l-istess eccezzjoni illi qed tigi hawn riprodotta:

"Illi fit-tieni lok l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma hux il-legittimu kontradittur u dana peress illi l-qbiela u l-pussess tar-

razzett u tar-raba adjacenti tghajjat lil missieru Emmanuel Caruan oltre li fl-istess premessi l-attur nomine ma jindikax lill-eccipjent bhala l-persuna li allegatament ikkommettiet l-ispoll" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Minn ezami ta' din l-eccezzjoni jirrizulta illi l-konvenut qed isostni illi huwa mhux il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna ghal zewg (2) ragunijiet illi ebda wahda minnhom ma hija fis-sens illi huwa ma kkommettiex l-att allegatament spoljattiv: Iz-zewg ragunijiet, fi kliem l-istess eccezzjoni, huma:

(i) "… illi l-qbiela u l-pussess tar-razzett u tar-raba adjacenti tghajjat lil missieru Emmanuel Caruana";

ii) "… fl-istess premessi [ta' l-att ta' citazzjoni] l-attur nomine ma jindikax lill-eccipjent bhala l-persuna li allegatament ikkommettiet l-ispoll"; (Sottolinear ta' din il-Qorti).

Kwantu ghar-raguni (i), huwa sufficjenti illi jinghad illi, anke jekk huwa minnu illi "l-qbiela u l-pussess tar-razzett u tar-raba adjacenti tghajjat lil missier" il-konvenut, dan ma jfissirx necessarjament illi l-konvenut ma setax fizikament iwettaq l-att spoljattiv;

Kwantu ghar-raguni (ii), jekk il-konvenut ghandu ragun dwar dak illi jinghad fiha, in-nuqqas lamentat ma jatix lok ghall-eccezzjoni illi l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur fil-kawza imma, *se mai*, ghall-eccezzjoni illi l-att ta' citazzjoni huwa irritu u null;

Nonostante dak kollu illi ghadu kemm inghad minn dina l-Qorti dwar l-eccezzjoni tal-konvenut illi huwa mhux il-legittimu kontradittur, a skans ta' ekwivoci, dina l-Qorti xorta wahda sejra tinvesti l-kwistjoni sollevata mill-konvenut fl-ewwel (1) aggravju tieghu, jigifieri illi mill-atti processwali ma jirrizultax pruvat illi huwa kkommetta l-att allegatament spoljattiv. Il-Qorti sejra taghmel dan ghaliex il-konvenut, kemm fir-rikors ta' appell u kemm fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu intavolata quddiem l-ewwel Qorti (fol. 161 sa 163), issottometta illi sabiex tirnexxi azzjoni ta'

spoll irid jigi pruvat mhux biss illi l-attur gie spoljat izda ukoll illi l-att spoljattiv gie kommess mill-konvenut;

Dan premess, dina l-Qorti ma tezitax illi tghid illi mill-atti processwali jirrizulta, sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp civili, illi kien il-konvenut personalment illi kkommetta l-att spoljattiv. Tajjeb illi jigi hawn riprodott dak illi jinghad fis-sentenza appellata (fol. 185):

"Illi rigward l-eccezzjoni tal-konvenut li huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur stante li ma hemmx prova diretta li kien il-konvenut li kkommetta l-att spoljattiv u turbattiv tal-pussess materjali tal-attur, il-Qorti tirrileva li l-provi kollha jwasslu ghall-konkluzjoni necessarja li kien il-konvenut li f'dak iz-zmien kellu l-uzu tal-fond; u fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, hija logika, necessarja, naturali u lecita l-konkluzjoni li dan l-att gie kommess mill-konvenut. It-tezi tal-konvenut f'dan ir-rigward, esposta fis-segwenti termini '*ir-razzett u garage in kwistjoni kienu u ghadhom ghal ghexieren u ghexieren ta' snin f'idejn il-genituri tal-konvenut b'mod esklusiv*' - hija kontradetta mill-provi tal-konvenut inkluz l-*affidavit* tal-istess konvenut, minn fejn jirrizulta *ab abundantia* li f'dak iz-zmien u fis-snin ta' qabel, l-konvenut, u mhux il-genituri tieghu kien juza l-fond";

Dina l-Qorti tmur *oltre* dak illi qalet l-ewwel Qorti fil-parti appena citata mis-sentenza appellata billi tirrileva illi fl-*affidavit* tieghu, esebit permezz ta' nota pprezentata fis-sitta (6) ta' Lulju, 1999, l-attur Ignatius Chetcuti qal hekk (fol. 13):

"Ghall-habta ta' Settembru tal-1998 jiena kont tlabt lill Jimmy [l-konvenut] sabiex jaghtini c-cwievet tar-razzett sabiex nibda naghmel xi xoghol. Huwa fil-fatt kien tani c-cavetta izda fis-17 ta' Ottubru, 1998 Jimmy beda gej bil-paroli wara li kont infurmajtu illi jiena kont behsiebni nigi lura u nghix fir-razzett u li meta jasal dak iz-zmien kellu jnehhi l-fniek tieghu u johrog mi[r]-rabgha. Malli infurmajtu b'dan huwa beda jghajjat u jhedded bis-senter.

"Fit-18 t'Ottubru 1998 ghall-habta tal-10 a.m. rajt lil Jimmy Caruana (il-konvenut) fil-pjazza tal-Mosta u saqsejtu

ghaliex kien kellimni hekk. <u>Huwa qalli li kien bidel is-serratura tal-*garage* tar-razzett</u> u qalli li jekk irrid inzomm il-kumplament izda mhux il-*garage*" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Huwa veru illi fil-paragrafu enumerat dsatax (19) ta' l-*affidavit* tieghu esebit permezz ta' nota pprezentata fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar, 2002 (fol. 137 sa 140) il-konvenut jinnega illi huwa biddel l-imsemmija serratura, però dina l-Qorti tasal illi temmen lill-attur mhux biss ghaliex issib illi l-konvenut mhux kredibbli izda wkoll ghaliex huwa sinjifikattiv illi jirrizulta illi l-imsemmija serratura inbidlet immedjatament wara illi l-kontendenti kellhom xi jghidu fis-sbatax (17) ta' Ottubru, 1998;

Ghar-ragunijiet kollha hawn fuq imsemmija, l-ewwel (1) aggravju ta' l-appellant qed jigi respint;

Ikkunsidrat:

Illi t-tieni (2) aggravju ta' l-appellant ftit illi xejn jimmerita konsiderazzjoni. Dana ghaliex mill-atti processwali jirrizulta ampjament illi meta gie kommess l-att spoljattiv in kwistjoni l-attur Ignatius Chetcuti kellu pussess - *sia pure* flimkien mal-konvenut u forsi mal-ġenituri tal-konvenut - ta' l-oggett spoljat, liema pussess kien kemm legali, naxxenti mit-titolu tieghu ta' kiri tar-razzett u raba' imsemmija fl-att ta' citazzjoni (ara dokument a fol. 43), u kemm materjali, naxxenti mill-fatt illi kellu c-cwievet ta' l-istess razzett. Kwantu ghac-cwievet, dina l-Qorti hija konvinta illi l-konvenut ta kopja taghhom lill-attur mhux b'mera tolleranza - kif jidher illi qed isostni l-konvenut meta, fil-paragrafu enumerat ghaxra (10) tar-rikors ta' appell, huwa juza l-espressjoni pjuttost ewfemistika "… jekk … kellu jirrizulta li … huwa kien silef kopja tac-cwievet lil zijuh …" - izda ghaliex l-attur kellu dritt ghalihom *in virtù* ta' l-imsemmi titolu ta' kiri;

Konsegwentement, anek t-tieni (2) aggravju tal-konvenut qed jigi respint;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi t-terminu ta' gimgha, stabbilit fil-parti dispozittiva ta' l-istess sentenza, ghandu jibda jiddekorri mil-lum;

Tordna illi l-ispejjes ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------